# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 33**

**Rikors numru 415/12/1 JRM**

**Steel Structures Limited (C-27768) u b'digriet tad-29 ta' Novembru, 2021, l-isem ġie mibdul biex jaqra "Steel Projects Ltd"**

**v.**

**Avantgarde Projects Limited (C 37657)**

**<u>Preliminari:</u>**

1. Fit-26 ta' April, 2012, is-soċjeta` attriċi intavolat din il-kawża kontra s-soċjeta` konvenuta għall-ħlas ta' €71,521.70, rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' xogħol sub-appaltat imwettaq minnha fuq inkarigu tas-soċjeta` konvenuta.

2. Fil-25 ta' Ottubru, 2016, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba attriċi.

3. Is-soċjeta` konvenuta ħassitha aggravata bis-sentenza u għalhekk fil-11 ta' Novembru, 2016, interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti fejn talbitha tħassarha, tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi.

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell qiegħda tiġi riprodotta s-sentenza appellata:

> "Il-Qorti:
>
> Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-26 ta' April, 2012, bil-proċedura sommarja speċjali li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (i) tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) in vista wkoll tad-dikjarazzjoni ġuramentata annessa Dok 'E'; u (ii) tikkundanna lis-soċjeta` mħarrka tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' wieħed u sebgħin elf ħames mija u wieħed u għoxrin euro u sebgħin ċenteżmu (€71,521.70) dovuta kif fuq intqal. Talbet ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjeż;
>
> Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Ġunju, 2012[1] li bih ħalliet lill-kumpannija mħarrka tikkontesta l-kawża u tatha għoxrin jum biex tressaq ir-risposta tagħha;
>
> Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-10 ta' Lulju 2012[2] li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi fil-mertu billi ċaħdet illi xi ammont huwa dovut lis-soċjeta` attriċi;
>
> *…omissis…*
>
> Ikkunsidrat:

---

[1] Paġ 12 tal-proċess

[2] Paġ 13 sa 15 tal-proċess

Illi din hija kawża għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' xogħol sub-appaltat imwettaq mis-soċjeta` attriċi fuq inkarigu tas-soċjeta` mħarrka. Il-kontestazzjoni ewlenija ddur fuq sub-appalt imwettaq fi stabiliment kummerċjali fl-Imsida. Il-kumpannija mħarrka tilqa' għat-talba tas-soċjeta` attriċi billi ssostni li l-istruttura mibnija mis-soċjeta` attriċi saret ħażin għax ma tteħidx qies taċ-ċaqlieq li jkun hemm fiha u dan id-difett ġie trasmess fix-xogħol ta' *cladding* li għamlet il-kumpannija mħarrka fuq l-istruttura li bniet is-soċjeta` attriċi b'riżultat li nqala' xi madum imwaħħal mal-faċċata;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet li ħallset ħmistax-il elf euro (€ 15,000) aktar mis-sebgħin elf euro (€ 70,000) li l-kumpannija attriċi tistqarr fir-Rikors Maħluf tagħha. Laqgħet ukoll billi qalet li s-sub-appalt ma twettaqx kollu u għalhekk ma hemmx lok għall-ħlas mitlub, u li, f'kull każ, mis-somma li tista' tkun dovuta trid titnaqqas somma ta' ħamest elef u mitejn euro (€ 5,200) bħala danni li l-kumpannija attriċi ġarrbitilha minħabba l-inadempiment min-naħa tagħha, u li l-kumpannija mħarrka kellha tagħmel tajjeb għalih mal-appaltant minħabba tkissir ta' ħġieġ u x-xiri mill-ġdid tagħhom minn barra u l-kiri ta' krejn biex jerġa' jtellagħhom f'posthom;

Illi bħala <u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "Avantgarde") kienet tgħaddi b'sub-appalt lill-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "SPL") xogħlijiet ta' strutturi tal-azzar biex jintużaw f'appalti li Avantgarde kienet tingħata minn appaltanti differenti. Xogħol Avantgarde huwa dak li twettaq appalti fil-bini;

Illi wieħed mill-proġetti li ngħata lil Avantgarde kien jirrigwarda l-istabiliment tad-Ditta KPMG bl-isem ta' "*Portico Building*" fi Triq il-Marina, f'Tal-Pieta`;

Illi f'dak il-proġett, SPL kienet tqabbdet biex tipprovdi qafas tal-azzar[3] li kellu jitqiegħed mal-faċċata ta' żewġ binjiet li kienu sejrin jingħaqdu fi stabiliment wieħed u b'mod li l-faċċata ta' barra kienet sejra titlibbes ("*cladding*") b'mod li jidhru bħallikieku binja waħda[4]. L-istruttura tal-azzar li kellha tagħmel SPL iddisinjaha l-perit tal-appaltant[5], imma l-kisi tal-istess qafas bil-madum sar minn Avantgarde[6]. Ix-xogħol tat-tqegħid tal-qafas sar matul is-sajf tal-2010[7];

Illi lejn it-tieni nofs tal-2011, inqalgħu xi problemi fuq ix-xogħol li sar fl-imsemmi proġett biċ-ċaqlieq fil-faċċata u l-perit tal-appaltant talab lil Avantgarde biex terġa' tneħħi xi parti mix-xogħol magħmul u tagħmlu

---

[3] Ara Dokti "GV1" u "GV2", f'paġġ. 100A u 101 tal-proċess
[4] Xhieda ta' Joseph Vella u tal-A.I.Ċ. Paul Camilleri f'paġġ. 33 u 176D tal-proċess
[5] Xhieda ta' Joseph Vella, Godwin Vella u l-A.I.Ċ. Kenneth Camilleri f'paġġ. 74, 124 u 180 tal-proċess
[6] Kontro-eżami ta Joseph Vella f'paġ. 76 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Simon Sciberras u Carmel Tanti f'paġġ. 167 u 169 tal-proċess

sew[8]. F'dak iż-żmien, għaddiet korrispondenza ma taqtax bejn Avantgarde u l-perit tal-appaltant[9];

Illi fit-22 ta' Frar, 2012, SPL talbet lil Avantgarde b'ittra uffiċjali tħallasha l-bilanċ tax-xogħlijiet li ma kinux tħallsu[10], u fetħet din il-kawża fis-26 ta' April, 2012;

Illi, għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jsawru l-każ, joħroġ ċar li l-qofol tal-kwestjoni bejn iż-żewġ partijiet tintrabat man-natura tax-xogħol sub-appaltat u wkoll mal-mod kif twettaq. Kif ingħad qabel, il-kwestjoni kienet limitata għall-appalt mogħti lil Avantgarde fil-binja ta' KPMG f'Tal-Pieta';

Illi biex wieħed jistabilixxi fiex tabilħaqq kien jikkonsisti x-xogħol li tqabbdet tagħmel Avantegarde u liema minnu hija sub-appaltat lil SPL, f'din il-kawża, ġie mqabbad perit tekniku li għamel żewġ rapporti dwar dan l-inkariku kif ukoll wieġeb għal mistoqsijiet li sarulu in eskussjoni;

Illi fl-ewwel relazzjoni tiegħu[11], il-Perit Tekniku wasal għall-fehma li (A) ix-xogħol li wettqet is-soċjeta` attriċi, bħala sub-appaltatriċi tas-soċjeta` mħarrka, fl-uffiċini tal-KPMG, Triq Marina, Pieta` kienu jikkonsistu fi strutturi tal-ħadid fejn blokk eżistenti ġie mkabbar permezz tal-bini ta' sular fuqu u permezz ta' blokk maġenbu għoli ħames (5) sulari flimkien ma' blokk ieħor għoli żewġ (2) sulari; (B) mal-qafas ewlieni tal-azzar, is-soċjeta` attriċi wweldjat strutturi sekondarji oħra tal-ħadid taħt it-twieqi, bejn l-istruttura l-ġdida u dik oriġinali, kif ukoll qafas sabiex miegħu jaqbdu l-*ferrings* biex jieħdu l-*cladding* li sar mis-soċjeta` mħarrka. Dan il-qafas sar biss mal-blokk il-ġdid tal-ħadid li għamlet is-soċjeta` attriċi u ma sarx mal-blokk oriġinali tal-konkos; konklużjoni li l-Perit Tekniku wasal għaliha fuq is-saħħa tar-ritratti GV3 sa GV7[12] li juru li twaħħlu *ferrings* mis-soċjeta` mħarrka u ma juru l-ebda qafas tal-ħadid mis-soċjeta` attriċi. (Ċ) Ir-rikorrent ħadmet ukoll xogħlijiet oħra li jinkludu: (i) struttura addizzjonali fuq il-binja tan-naħa ta' barra; (ii) xi travi żgħar għall-aperturi; (iii) struttura fir-rokna fejn hemm l-entratura għall-blokka oriġinali u (iv) taraġ li jagħti mill-bitħa għal fuq l-istruttura ta' żewġ sulari, liema taraġ ma kienx miżbugħ u mhux miksi bil-lastiku;

Illi bi tweġiba għall-mistoqsijiet li sarulu in eskussjoni mis-soċjeta` mħarrka, il-Perit Tekniku wieġeb li r-ritratti GV6 u GV7 juru twieqi ta' sitt metri li jinstabu fuq il-brikks li magħhom twaħħlu *ferrings/boards/cladding* mis-soċjeta` mħarrka. Sostna li s-soċjeta` attriċi m'għamlet l-ebda struttura sekondarja fuq il-binja oriġinali[13];

Illi, min-naħa l-oħra, fir-relazzjoni addizzjonali tal-15 ta' Settembru

[8] Xhieda tal-A.I.Ċ. Paul Camilleri f'paġġ. 91 – 8 tal-proċess
[9] Dokti "JVB" sa "JVK" u "PC1", f'paġġ. 46 sa 72 u 87 – 9 tal-proċess
[10] Dokti "A1" sa "C1", f'paġġ. 19 – 22 tal-proċess
[11] F'paġġ 267 – 274 tal-proċess
[12] F'paġġ 102 – 6 tal-proċess
[13] Paġ. 257 tal-proċess

2015, il-Perit Tekniku ikkonstata li: (1) waqa' l-madum tal-cladding fin-naħa ta' fuq, maċ-ċnut taħt it-twieqi u mal-pilastru ċentrali li kien jifred il-bini oriġinali mill-binja l-ġdida. Sab li (2) l-istruttura l-ġdida u dik qadima jagħmlu movimenti differenti kemm minħabba l-etajiet differenti tagħhom kif ukoll il-materjal li bih ġew mibnija. Għalhekk meta saru r-rifinituri partikolarment fil-ġonta bejn il-binja oriġinali u dik ġdida, kellhom isiru *movement joints*. Għalkemm ma saritx *movement joint* fejn l-istruttura tal-ħadid tal-binja l-ġdida intrabtet mal-konkrit tal-binja eżistenti, b'daqshekk ma jfissirx li ma kellhiex issir *movement joint* fid-dettall tal-*cladding*. Il-Perit Tekniku jġib bħala ezempju l-*expansion joints* li skond il-prattika tas-sengħa tal-bini jsiru fil-madum tal-art jew fil-kontrabejt, minkejja li ma tkunx saret *expansion joint* fl-istruttura ta' taħtha. Sab ukoll li (3) l-istruttura tal-ħadid saret skond is-sengħa u l-arti u skond l-istruzzjonijiet tal-perit inkarigat mill-proġett. Wasal għall-fehma li (4) id-difetti fil-*cladding* seħħew minħabba (i) nuqqas ta' *movement joints* fid-dettal tal-*cladding* u (ii) nuqqas ta' *movement joints* fl-istallar tal-*boards* u (iii) nuqqas ta' kolla mqiegħda sewwa meta twaħħal il-madum mal-boards[14];

Illi permezz ta' nota tas-7 ta' Jannar 2016, il-Perit Tekniku wieġeb għal iktar mistoqsijiet in eskussjoni tas-soċjeta` mħarrka. Huwa wieġeb li: (a) jaqbel li jekk l-istruttura sekondarja fiha difett, dan jeffettwa l-*cladding system* kollha kemm hi; (b) jaqbel li jekk l-istruttura primarja tiċċaqlaq, iċ-ċaqlieq jiġi trasmess fl-istruttura sekondarja billi dawn huma wweldjati u marbuta ma' xulxin; (ċ) is-sliding joints kellhom isiru bejn il-ferrings u l-qafas sekondarju, jew fil-ferrings infushom. Kellhom isiru wkoll sliding joints jew dettalji vertikali biex jikkumpensaw għad-differenza fiċ-ċaqlieq bejn il-binja l-antika u l-binja l-ġdida; (d) jaqbel li s-soċjeta` attriċi bniet sular ieħor fuq l-istruttura antika, bl-istess metodu tal-binja l-ġdida, kif diġa` wera f'paragrafu 2.1 tar-Relazzjoni Addizzjonali u li bniet ukoll sekondarju li baqa' nieżel mal-bini l-antik biex ipprovda bażi għall- istruttura tal-ħġieġ u bħala bażi għall-*ferrings* li magħhom weħel il-*cladding*. It-twieqi fil-parti antika twaħħlu fuq il-brikks; fil-parti l-ġdida fuq il-qafas sekondarju. Iżda mbagħad wieġeb li jista' jkun li fil-binja l-antika t-twieqi kellhom isiru iktar 'il barra u allura jserrħu fuq il-qafas sekondarju. Il-Qorti tosserva li dan il-fatt huwa kkonfermat ukoll minn wieħed mill-periti tal-appaltant sid tal-binjiet, jiġifieri l-Perit Paul Camilleri[15];

Illi għalhekk il-Perit Tekniku jidher li biddel il-verżjoni oriġinali tiegħu fl-ewwel rapport li għamel fis-sens li fil-parti l-qadima s-soċjeta` attriċi m'għamlet l-ebda xogħlijiet. Jidher li fil-bidu, il-Perit straħ fuq ritratti li juru *ferrings* imwaħħlin direttament mal-ħajt tal-brikks ta' parti mill-binja l-antika; xogħol li *ex admissis* sar mis-soċjeta` mħarrka. B'danakollu kien hemm partijiet oħrajn tal-istess struttura – 60% skond ma jingħad

---

[14] Difett misjub ukoll mill-perit Neil Felice, imqabbad mis-soċjeta` attriċi *ex parte* waqt is-smigħ tal-kawża, li mar fuq il-post waqt ix-xogħlijiet – fol 108. Avantgarde tqajjem id-dubju dwar il-kompetenza u l-kwalifiki tal-imsemmi perit dwar il-*cladding systems*, u karatteristiċi tekniċi tal-kolla

[15] F'paġ. 96 tal-proċess

mis-soċjeta` mħarrka f'waħda min-noti ta' sottomissjonijiet tagħha, għalkemm ma ġġib l-ebda prova konkreta ta' dan – fejn ukoll għamel qafas sekondarju u dan billi l-bini qadim kien mibni b'mod impreċiż vertikalment u għalhekk is-sid riedet tgħatti dan id-difett;

Illi mill-provi mressqa ħareġ li l-istruttura oriġinali kienet mibnija skond is-sengħa u l-arti, u ma kinitx tiċċaqlaq; kieku kien hekk, kien ikun hemm ħsara fil-madum u ħitan ta' ġewwa. Iċ-ċq li rriżulta u li semmew il-Periti huwa bejn il-ħadid u l-*cladding*[16];

Illi dwar il-parti l-qadima, il-perit Paul Camilleri huwa tal-fehma li "l-*isteel structure* din l-istruttura mal-konkos, hemmhekk ma kellux isir *expansion joint*, kellhom jintrabtu ma' xulxin bil-boltijiet waħda mal-oħra imbagħad il-*finishes* trid tieħu l-prekawzjonijiet biex ma jiġux ikkrejati *serviceability."*[17] Il-perit tekniku xehed dwar l-istruttura tal-ħadid kollha kemm hi, u wera l-fehma li ċ-"ċaqlieq mhux bilfors li jiġi trasmess fil-*cladding* li sar mis-soċjeta` mħarrka li kieku dan il-*cladding* kien iddettaljat sew"[18]. Għalhekk jirriżulta li kemm l-istruttura ewlenija tal-ħadid kif ukoll il-ħadid li serva ta' qafas li fuqu twaħħlu l-*ferrings* u l-*cladding* saru sewwa u skond is-sengħa u l-arti. Kienet is-soċjeta` mħarrka li kellha taħseb għaċ-ċaqlieq billi tipprovdi *sliding joints* fil-*ferrings* infushom inkella bejn il-*ferrings* u l-*cladding*;

Illi s-soċjeta` mħarrka, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha[19] tisħaq li sid il-post qalgħet mhux biss il-*cladding* esegwit minnha imma wkoll l-istruttura tal-ħadid sekondarja magħmula mis-soċjeta` attriċi, biex minflokhom għalqu l-bini bil-ġebel, u li dan juri li x-xogħol sekondarju sar ħażin, u li jekk kien hemm problema fil-*cladding* dan kien ġej mill-istruttura sekondarja. Din l-asserzjoni ġiet miċħuda mis-soċjeta` attriċi.[20] Skond ir-rikors maħluf tal-kawża li sid il-post fetaħ kontra Avantgarde[21], esibit mis-soċjeta` konvenuta nnifisha, tali *cladding* reġa' sar mill-ġdid.[22] F'kull każ, lanqas tirriżulta mill-provi u lanqas ifisser neċessarjament li tneħħiet għax kienet magħmula ħażin; jekk minflok il-*cladding* saret struttura tal-ġebel, kif issostni l-istess soċjeta` mħarrka, allura ma kienx hemm bżonn iktar tal-ħadid sekondarju biex iżomm il-*cladding*;

Illi s-soċjeta` mħarrka targumenta wkoll li l-materjal użat fil-*cladding* ma kienx jippermetti l-użu ta' *sliding joints*. Dwar dan, iżda, il-perit tekniku ma ġiex eskuss, għalkemm saritlu eskussjoni ferm serrata fuq aspetti oħra tar-relazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, ġaladarba kienet is-soċjeta` mħarrka li waħħlet il-cladding, kien jispetta lilha li tivverifika li l-istrutturi li għamlet is-soċjeta` attriċi kienu tajbin biex jitwaħħal il-*cladding*

[16] Ara tweġiba tal-perit tekniku §3.2 tar-Relazzjoni Addizzjonali u risposta għal domanda ulterjuri 8(i)
[17] Xhieda tiegħu f'paġ. 97 tal-proċess
[18] Nota tiegħu f'paġ. 327 tal-proċess
[19] 43 §10 f'paġġ. 337 – 8 tal-proċess
[20] Paġ. 344 tal-proċess
[21] Ara Dok "SP1", f'paġġ. 143 – 5 tal-proċess
[22] *Ibid.* §8 f'paġ. 144 tal-proċess

magħhom, fl-ipoteżi – li ma tirriżultax – li dawn kienu magħmulin ħażin. Kif tajjeb ingħad f'każijiet li jixbhu lil qagħda bħal din[23], fil-każ ta' persuna tas-sengħa li titqabbad tkompli fuq xogħol li beda ħaddieħor, "*mhix skuzanti l-allegazzjoni tal-konvenut li hu mexa fuq dak li sab".* Dan ir-raġunament jaqbel mal-ħsieb ġuridiku li l-appaltatur għandu l-obbligu "*di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole dell' arte*" (Vol. XXV.i.727); u li l-appaltatur hu dejjem u fi kwalunkwe sitwazzjoni obbligat jezegwixxi x-xogħlijiet miftehma u lilu fdati "*secondo i dettami dell'arte sua*" (Kollez. Vol. XXVII.i.374 u Vol. XLI.ii.892)";

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li SPL tat lil Avantgarde xogħol tajjeb u li x-xiljiet ta' Avantgarde f'dan ir-rigward ma jirriżultawx mistħoqqa;

Illi permezz tal-eċċezzjoni 2(a) Avantgarde teċepixxi li hija ħallset akkont lis-soċjeta` attriċi ħamsa u tmenin elf euro (€85,000) u mhux biss is-sebgħin elf euro (€70,000) li tirrikonoxxi SPL. Fil-fatt, mill-provi dokumentali mressqa, iżda jirriżulta li €15,000 mis-somma ta' €85,000 kienu tħallsu minn Avantgarde Holdings u mhux mis-soċjeta` mħarrka. Joseph Vella, in kontro-eżami[24], intwera *e-mail* tas-6 ta' Settembru 2010[25] li turi li huwa aċċetta li kien fadallu bilanċ ta' €75,000. Ġiet esibita wkoll ittra uffiċċjali bħala prova ta' dan[26];

Illi għalhekk, din l-eċċezzjoni ta' Avantgarde mhijiex tajba u mhix sejra tintlaqa';

Illi Avantgarde eċċepiet ukoll[27] li s-sub-appalt ma twettaqx kollu u għalhekk trid li titnaqqas is-somma ta' €5,000 minn dak li qiegħda titlobha SPL. Avantgarde ma tfissirx kif waslet għal din iċ-ċifra. Joseph Vella, rappreżentant ta' Avantgarde u mressaq minnha spjega li s-soċjeta` attriċi kellha twaħħal taraġ tal-ħadid u li dan ġie mwaħħal "daqsxejn tard" u "ma kienx miżbugħ, kellu jsir xi *threads* tal-lastiku ma sarx u rrid ngħid illi r-*railing* kien forsi daqsxejn fjakk. Il-klijent żarmah". Vella żied jgħid li t-taraġ għadu fil-post,[28] u li ġie komplut minn sid il-post b'finishing iktar lussuż minn dak ordnat. Żied jgħid li s-sid ma wżax ir-*railing* tat-taraġ għax m'għoġbux bħala disinn u ħallih fil-bitħa fejn hemm it-taraġ.[29] Filwaqt li jidher li kien hemm nuqqas da parti ta' SPL billi m'għamlitx ir-*railing* kif ordnat, Avantgarde ma wrietx kif waslet għall-figura ta' €5,000 jew li kien hemm xi sanzjoni miftehma ma' SPL dwar id-dewmien jew tħaddmet xi klawsola penali;

Illi minħabba f'hekk, il-Qorti ma ssibx li għandha bażi biex tnaqqas xi

[23] P.A. PS 16.06.2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Christine Saliba et vs Emanuel Briffa*** (mhix appellata)
[24] Xhieda tiegħu f'paġ. 42 tal-proċess
[25] Dok "JVA" f'paġġ. 31 – 2 tal-proċess
[26] Dok "SP2" f'paġġ. 160 – 5 tal-proċess
[27] Eċċezzjoni 1(ii)
[28] F'paġ 37 tal-proċess
[29] Xhieda tiegħu f'paġ. 79 tal-proċess

ammont mitlub minn SPL minħabba xi inadempiment min-naħa tagħha u għalhekk din l-eċċezzjoni wkoll ma tistax tintlaqa';

Illi Avantgarde eċċepiet ukoll li mill-ammont mitlub għandhom jitnaqqsu ħamest elef u mitejn euro (€5,200) bħala danni mġarrbin minnha b'għemil ta' SPL minħabba l-ksur bi traskuraġni ta' tliet ħġiġiet kbar ('*triple glazed*') waqt li kien qiegħed jitpoġġa t-taraġ imsemmi, u li kellhom jiġu rimpjazzati minn barra minn Malta.[30] Skond Joseph Vella, il-prezz tal-ħġieġ kien ta' madwar tlitt elef u tliet mitt euro (€3,300), flimkien ma nefqa għall-kiri ta' *tower crane* (fil-fatt huwa l-istess tagħmir li kien intuża għax-xogħol ta' qabel imma li tħalla armat fuq il-post sa ma waslu minn barra l-ħġieġ li kellu jinbidel) biex reġa tpoġġa l-ħġieġ. Huwa kien wiegħed li jressaq kopji tar-riċevuti tal-ħlas tal-ħġieġ, iżda baqa' qatt ma esibihom. It-*tower crane* kien armat fuq il-post; kien ġiebu Godwin Vella iżda Avantgarde assumiet il-kera tiegħu sakemm ġie l-ħġieġ minn barra minn Malta madwar tliet ġimgħat wara. B'danakollu, Joseph Vella ma għarafx jgħid kemm kienet il-kirja kuljum tal-krejn għax il-kirja kienet daħlet għalih SPL[31]. Min-naħa l-oħra, Godwin Vella, direttur ta' SPL, ammetta l-ħtija u aċċetta li jagħmel tajjeb għal dawn id-danni, iżda stqarr li huwa ħġieġa waħda kisser u mhux tlieta u wera fejn inkisret[32]. Simon Sciberras, Carmel Tanti u Mario Spiteri, impjegati ta' SPL u li kienu fuq il-lant tax-xogħol ukoll ikkonfermaw li nkisret ħġieġa waħda[33]; Illi fil-fehma tal-Qorti hemm ekwivoku. Probabilment tkissret ħġieġa waħda, li kienet triple glazed u b'hekk ifisser li tkissru tliet ħġiġiet. Filwaqt li bla dubju seħħew danni, m'hemmx prova li dawn jammontaw għas-somma pretiża minn Avantgarde ta' ħamest elef u mitejn euro (€5,200). Il-prova tad-dannu mġarrab trid issir minn min jallegaha u li din issir fi grad tajjeb li l-Qorti tista' toqgħod fuqha; Illi tressqet ukoll eċċezzjoni[34] li l-fatturi tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud maħruġa minn SPL juru numru tal-VAT ħażin u għalhekk Avantgarde ma tistax titlob VAT credit fuqhom. Dan l-iżball ġie ammess minn SPL filmori tal-kawża pproduċiet fatturi bin-numru t-tajjeb; Illi Avantgarde eċċepiet ukoll li l-kawża hija intempestiva' għax hemm ftehim taċitu bejn il-partijiet, li ilhom jaħdmu flimkien għall-aħħar kwart ta' seklu li l-ħlas isir meta s-soċjeta` mħarrka titħallas mingħand l-appaltant, u f'dan il-każ il-ħlas għadu ma sarx. Mistoqsi l-għala l-kawża saret qabel waqtha, Joseph Vella m'għarafx iwieġeb[35];

Illi fil-qafas tal-provi li tressqu, il-Qorti ssib li din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli għax, minn dak li jidher mill-premessi tar-Rikors Maħluf tal-appaltant esibit mis-soċjeta` mħarrka stess, din tħallset; għalkemm qed tiġi mfittxija għax-xogħol ħażin li għamlet. Kien hemm okkażjoni fejn Godwin Vella iltaqa' ma' Joe Schembri, impjegat tal-KPMG li qallu li

---

[30] eċċezzjoni 1(iv)
[31] Dok "JVA", f'paġ. 32 tal-proċess
[32] Ritratt Dok "GV10" f'paġ. 122 tal-proċess
[33] Xhieda tagħhom f'paġġ 167 – 9 tal-proċess
[34] eċċezzjoni 1(v)
[35] Xhieda tiegħu f'paġ. 39 tal-proċess

kienu ħallsu l-kont kollu lil Avantgarde.[36] Avantgarde ma merietx din il-prova;

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li t-tieni talba ta' SPL hija mistħoqqa fl-ammont sħiħ tagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** tal-kumpannija mħarrka bħala mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tastjeni** milli tqis aktar l-**ewwel talba** attriċi, u dan fid-dawl tad-degriet mogħti fil-21 ta' Ġunju, 2012;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' wieħed u sebgħin elf ħames mija u wieħed u għoxrin euro u sebgħin ċenteżmi (€ 71,521.70) rappreżentanti l-prezz ta' xogħlijiet konsenjati minnha lill-kumpannija mħarrka fuq ordni tagħha, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-22 ta' Frar, 2012, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** wkoll li l-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**"

## Rikors tal-appell tas-soċjeta` konvenuta (11.11.2016):

5. L-aggravji tas-soċjeta` konvenuta huma (in suċċint) is-segwenti:

(a) Interpretazzjoni skorretta tal-fatti:

(i) Mhux minnu li l-perit tal-appellant talab lis-soċjeta` konvenuta tneħħi xi parti mix-xogħol u tagħmlu sew.

(ii) Għalkemm l-ewwel Qorti korrettement stabbiliet li l-perit tekniku waqt l-eskussjoni tiegħu bidel il-verżjoni oriġinali tiegħu, hija bbażat il-

[36] Xhieda tiegħu f' paġ. 126 tal-proċess

konklużjonijiet tagħha fuq l-ewwel verżjoni.

(iii) Il-perit tekniku ma ngħatax inkarigu biex jagħti opinjoni, iżda biex jistabbilixxi liema xogħol sar minn kull parti fil-kawża.

(iv) L-argumenti u r-risposti tal-perit tekniku ma jreġux, u meta ġie mitlub jgħid kif seta' wieħed jasal biex iwettaq dak li skont hu messu sar mill-bidu (*sliding joints*) ma tax risposta għaliex la fil-prattika u lanqas fl-*istandards* rikonoxxuti u wisq anqas fis-sengħa u l-arti ma jsir dak li ssuġġerixxa.

(v) Jiġi ripetut li l-perit tekniku daħal f'argumenti li ma kinux fl-inkarigu tiegħu, liema argumenti ħolqu ambigwita` li żvijaw lill-ewwel Qorti. Il-perit tekniku eżonera mir-responsabbilta` lill-perit tal-appaltant li ma tax struzzjonijiet lis-soċjeta` konvenuta biex tinstalla l-*expansion joint.* Iż-żewġ periti qablu li l-istrutturi huma soġġetti għall-movimenti u li l-movimenti ma jaħdmux bl-istess mod, għalhekk ma kellhiex tiġi kkunsidrata fi stadju tardiv.

(vi) Il-perit tekniku jeżonera mir-responsabbilta` mhux biss lill-perit, imma wkoll lis-soċjeta` attriċi meta naqset li tissepara l-istruttura prinċipali minn dik sekondarja, bejn il-binja l-ġdida u l-antika, u meta naqset li tinstalla l-*expansion joints* fuq l-istruttura sekondarja.

(vii) Il-perit tekniku kkonkluda (liema konklużjoni ma kinitx fl-inkarigu tiegħu) li kienet is-soċjeta` konvenuta li messha għamlet *expansion joint* fil-*cladding*.

(viii) Minkejja dak li qal fix-xiehda in eskussjoni (14.01.2016) b'kontradizzjoni totali ta' dan, kemm fir-relazzjoni tiegħu tat-12.01.2015, kemm fir-risposti mressqa minnu fis-seduta tat-22.06.2015 u kemm fir-rapport addizzjonali tal-15.09.2015, baqa' jsostni dak li qal oriġinarjament.

(ix) L-ewwel Qorti qalet li mill-provi ħareġ li l-istruttura oriġinali kienet mibnija skont is-sengħa u l-arti u ma kinitx tiċċaqlaq: dan hu kumment li la joħroġ mill-provi u lanqas jagħmel sens għaliex :

- Il-perit tal-appellant ikkonferma kemm waqt ix-xiehda tiegħu u kemm fuq dokumenti ppreżentati li l-istruttura qed tiċċaqlaq;

- Kieku ma kienx ċaqliq ma kienx ikun hemm bżonn tal-kawża;

- Fejn is-soċjeta` konvenuta wettqet xogħol mhux marbut mal-istruttura sekondarja ma ħareġ l-ebda difett: id-difett huwa marbut max-

xogħol li għamlet is-soċjeta` attriċi.

(x) Kemm il-perit tekniku u kif ukoll il-Qorti injoraw ix-xhieda tal-perit Paul Camilleri (li kien il-perit tal-kostruzzjoni) li qal li fl-opinjoni tiegħu l-iżball li sar kien li:

Iż-żewġ strutturi mibnija mill-attriċi ma ġewx separati minn xulxin; u

Ma saritx *expansion joint* fl-istruttura sekondarja.

(xi) Ir-ritratti li ħa l-perit tekniku juru li mhux minnu li l-*cladding* reġa' sar mill-ġdid, iżda juru l-binja magħluqa bil-ġebel (*bricks*). Il-fatt li l-*cladding* u l-istruttura portanti (*ossia* l-istruttura sekondarja mibnija mill-attriċi) inqala' jfisser li l-mankanza ta' *expansion joint* fl-istruttura prinċipali kienet mankanza li ma kienx hemm rimedju biex jagħti lok li l-istruttura sekondarja titħalla f'postha.

(xii) Kieku d-difett kien biss fil-madum ta' fuq il-*cladding* ma jagħmilx sens li tinqala' l-istruttura kollha li tiswa għexieren ta' eluf, flok ma jinqala biss il-madum u jerġa' jitqiegħed sew bi spiża żgħira. Billi l-perit tal-proġett, Paul Camilleri, ddeċieda li d-difett kien fl-istruttura magħmula mis-soċjeta` attriċi, bilfors ifisser li l-istruttura sekondarja kienet *beyond remedy.*

(xiii) Ma kinitx korretta l-ewwel Qorti meta qalet li l-perit tekniku ma ġiex eskuss dwar l-użu tas-*sliding joints*; meta ġew ippreżentati domandi biex jispjega kif qatt setgħu jsiru l-*isliding joints* li jsemmi bħala mankanza da parti tas-soċjeta` konvenuta, u jgħid fuq liema *standard* rikonoxxut kien qed jibbaża l-argument tiegħu, baqa' ma weġibx. Bħala fatt ma jeżisti l-ebda *standard* jew *standard operating procedure* li tesiġi li *ferrings* tat-tip li ntużaw fuq din l-opra għandhom jitwaħħlu fuq *sliding joints.*

<u>(b) Interpretazzjoni skorretta tal-liġi:</u>

(i) Id-dannu fir-rigward tal-ksur tal-ħġieġ *triple glazed* kien pruvat fi grad biżżejjed biex jiġi akkolt;

(ii) Il-prezz tar-*railing* tat-taraġ mhux dovut u għandu jitnaqqas;

(iii) B'referenza għas-sentenzi kkwotati mill-ewwel Qorti, li waħda minnhom tgħid li "l-*appaltatur hu dejjem u fi kwalunkwe sitwazzjoni obbligat jesegwixxi x-xogħlijiet mifthema u lilu fdati secondo i dettami dell'arte sua*", dan ma kienx il-każ, tant li kellu jinqala' u jsir *finish* differenti (tal-ġebel), u ta' tali xogħol is-sid (KPMG) ma ħallasx lis-soċjeta` konvenuta.

**Risposta tal-appell tas-soċjeta` attriċi (28.12.2016):**

6. Is-soċjeta` attriċi appellata wieġbet biex tgħid li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma. B'referenza għall-aggravji mqajma mis-soċjeta` konvenuta tat ir-raġunijiet tagħha għaliex dawn huma infondati u għaliex l-appell tas-soċjeta` konvenuta għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontriha.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

**Sfond:**

7. Is-soċjeta` Del Ponte Ltd (KPMG)[37] riedet testendi l-proprjeta` li għandha il-Pieta` b'mod li l-bini oriġinali u dak ġdid jingħaqdu f'stabbiliment wieħed. Hija inkarigat lis-soċjeta` konvenuta għal dan il-proġett. L-intiża kienet li l-estenzjoni ssir bir-*reinforced concrete* normali, iżda l-perit Paul Camilleri, li kien il-perit inkarigat minnha, spjega li eventwalment ittieħdet deċiżjoni li tinbena bħala *steel structure,* jiġifieri bil-kolonni u t-travi tal-ħadid. Fuq l-bini l-oriġinali tal-*concrete* nbena sular ieħor bl-istess metodu tal-istruttura l-ġdida.

[37] Is-soċjeta` appellanti. Joseph Vella mis-soċjeta` konvenuta spjega li KPMG u Del Ponte huma l-istess ħaġa.

8. Il-faċċata kollha, kemm tal-istruttura oriġinali u kemm tal-istruttura tal-ħadid, imbagħad kellha titlibbes bil-*cladding* bħallikieku kienet binja waħda.

9. Il-perit Camilleri spjega li barra l-istruttura prinċipali tal-metall (travi) li tiflaħ il-bini, hemm struttura oħra sekondarja li tiflaħ il-*cladding.*

10. L-istruttura prinċipali u sekondarja għamlitha s-soċjeta` attriċi (is-sub-appaltattriċi) u l-*cladding* għamlitu s-soċjeta` konvenuta (l-appaltattriċi).

11. Is-soċjeta` attriċi intavolat din il-kawża kontra s-soċjeta` konvenuta għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz fir-rigward tax-xogħljiet magħmula minnha. Fost l-eċċezzjonijiet sollevati minnha, is-soċjeta` konvenuta eċċepiet li x-xogħol magħmul mis-soċjeta` attriċi ma kienx skont l-arti u s-sengħa. Għalhekk kellu jiġi kkonstatat fhiex eżatt kien jikkonsisti x-xogħol li għamlet is-soċjeta` attriċi u jekk dan tali xogħol (jew parti minnu) kienx fil-fatt sar ħażin.

12. Din il-Qorti ser tikkunsidra d-diversi lmenti li għamlet is-soċjeta` konvenuta fir-rikors tal-appell tagħha mhux fil-mod li saru iżda fil-mod li jidhrilha opportun; in oltre wħud mill-ilmenti (jew għax huma ripetuti jew konnessi) sejrin jinġabru u jitqiesu flimkien.

**<u>Iż-żewġ ħatriet tal-perit tekniku u r-rapporti u l-eskussjonijiet relattivi:</u>**

13. Kuntrarjament għal dak argumentat mis-soċjeta` konvenuta appellanti, mhux minnu li l-uniku inkarigu tal-perit tekniku Alan Saliba kien limitat biss sabiex jistabbilixxi liema xogħol sar minn kull parti fil-kawża.

14. Il-perit tekniku fil-fatt ġie inkarigat <u>darbtejn</u> mill-ewwel Qorti:

(i) Fid-digriet mogħti fl-udjenza tal-4 ta' Ġunju, 2014, l-ewwel Qorti inkarigatu <u>sabiex jindikalha liema kienu x-xogħlijiet</u> li għamlet is-soċjeta` attriċi li għalihom qed titlob il-ħlas:

> *"…b'referenza għal dak li jinsabu fl-atti u aċċertamenti fuq il-post jindika lill-Qorti, u jekk hemm bżonn billi jisma' x-xiehda, liema huma x-xogħlijiet li saru mill-kumpanija attriċi li dwarhom qed titlob il-ħlas".*

(ii) Imbagħad fl-24 ta' Ġunju, 2015, l-ewwel Qorti ħatritu mill-ġdid <u>sabiex din id-darba jagħti l-opinjoni teknika tiegħu</u>. Dan għamlitu fuq talba tad-difensur tas-soċjeta` konvenuta li ġiet ivverbalizżata hekk:

> *"…qed jitlob illi billi r-rapport tal-perit Saliba qed iwieġeb għal parti minima tal-kwistjoni quddiem din il-Qorti, jeħtieġ għall-Qorti li jkollha opinjoni teknika t'a perit illi jidħol fil-kwistjoni ta' jekk xi parti mertu tax-xogħol f' din il-kawża sarx ħażin u jekk il-każ minn min. Dan qiegħed jingħad għall-finijiet tal-eċċezzjoni 2(c) tar-risposta maħlufa tal-kumpannija intimata."*

15. Fl-ewwel rapport tiegħu (ippreżentat fit-12 ta' Jannar, 2015, u maħluf fl-24 ta' Frar, 2015) il-perit tekniku stabbilixxa li x-xogħlijiet li għamlet is-soċjeta` attriċi u li dwarhom kienet qed titlob il-ħlas fil-proċeduri odjerni kienu s-segwenti:

> *4.1. Il-kumpanija rikorrenti ħadmet diversi xogħlijiet li tagħhom qed titlob il-ħlas fil-kapaċita` tagħha bħala sub-contractor għall-kumpanija intimata li fil-maġġor parti tagħhom saru fl-uffiċini tal-KPMG, Triq il-Marina, Pieta` konsistenti fi strutturi tal-ħadid fejn blokk eżistenti ġie estiż permezz ta' blokk adjaċenti għoli ħames sulari flimkien ma' blokk ieħor għoli żewġ sulari filwaqt li fuq l-istess blokk eżistenti sar ukoll sular ġdid.*
>
> *4.2. Ma' din l-istruttura prinċipali tal-ħadid ir-rikorrenta wweldjat strutturi sekondarji oħra tal-ħadid taħt it-twieqi, bejn l-istrutturi ġodda u dik oriġinali u kif ukoll qafas sabiex miegħu jaqbdu l-ferrings biex jieħdu l-cladding li sar mill-intimata. Dan il-qafas sar biss mal-blokk il-ġdid tal-ħadid li għamlet ir-rikorrenta u ma sarx mal-blokk oriġinali tal-konkos.*
>
> *4.3. Ir-rikorrenta ħadmet ukoll xogħlijiet oħra li jinkludu:*
>
> *A. Struttura addizzjonali fuq il-binja tan-naħa ta' barra.*
>
> *B. Xi travi żgħar għall-aperturi.*
>
> *C. Struttura fir-rokna fejn hemm l-entratura għall-blokk oriġinali.*
>
> *D. Taraġ li jagħti mill-bitħa għal fuq l-istruttura ta' żewġ sulari, liema taraġ ma kienx miżbugħ u mhux miksi bil-lastiku.*
>
> *4.4. Minbarra fl-uffiċjini tal-KPMG fil-Pieta`, il-kumpanija rikorrenta għamlet ukoll xogħlijiet oħra għall-kumpanija intimata li għalihom qed titlob ukoll ħlas f' tas-Sliema u f' The Atrium l-Imrieħel, inkluż xi cutting of tiles."*

16. Dwar il-*cladding* li sar mis-soċjeta` konvenuta (konsistenti f'madum imwaħħal bil-kolla fuq *cement boards*) spjega li dan sar kemm mal-binja oriġinali kif wkoll mal-binja l-ġdida tal-ħadid. Spjega li s-*cement boards* twaħħlu fuq *ferrings* imqabbda ma' qafas tal-ħadid (struttura sekondarja);

fil-każ tal-binja oriġinali qal li skont ma jidher mir-ritratti Dok GV3 – Dok GV7, il-*ferrings* tqabbdu fuq il-konkos.

> *"Kemm mal-binja oriġinali tal-konkos u kif ukoll mal-binja l-ġdida tal-ħadid sar 'cladding' tal-faċċata mill-intimata[38] permezz ta' 'cement boards' u madum taċ-ċeramika imwaħħal magħhom bil-kolla.[39] Dawn is-'cement boards' twaħħlu fuq 'sliding channels' tal-pjanċi ('ferrings') imqabbda ma' qafas tal-ħadid[40] li l-intimata tissottometti li sar mir-rikorrenta kemm mal-faċċata tal-binja tal-konkos u kif ukoll mal-faċċata tal-binja tal-ħadid[41] sabiex tkopri l-istruttura kollha għax il-parti l-antika kienet mibnija ħażin.[42] Min-naħa l-oħra r-rikorrenta tissottometti li ma ħadmitx qafas fuq il-parti l-antika (tal-konkos).[43] Il-perit Paul Camilleri ma kienx involut f' dan il-'cladding'.[44] Mir-ritratti Dok GV3 sa Dok GV7 (fol 102 sa 106) jidher illi mal-istruttura tal-konkos twaħħlu biss il-'ferrings' mill-intimata[45] u ma sar l-ebda qafas tal-ħadid mir-rikorrenta."*

17. Fit-22 ta' Ġunju, 2015, ippreżenta nota fejn wieġeb għad-domandi li sarulu in eskussjoni mis-soċjeta` konvenuta. Qal li mill-provi jirriżulta li fuq il-binja oriġinali ma saret l-ebda struttura sekondarja mis-soċjeta` attriċi u li t-twieqi b'tul ta' sitt metri twaħħlu fuq il-briks li miegħu twaħħlu l-"*ferrings/boards/cladding*" mis-soċjeta` konvenuta.

18. <u>Fit-tieni rapport tiegħu</u> (ippreżentat fil-15 ta' Settembru, 2015, u maħluf fl-4 ta' Novembru, 2015) ikkonkluda li x-xogħol li għamlet is-soċjeta` attriċi kien tajjeb u li d-difetti li ħarġu kienu riżultat ta' xogħol ħażin li għamlet is-soċjeta` konvenuta.

---

[38] Xiehda ta' Joe Vella, fol 40/74
[39] DOK JVC et seq fol 49-64. Xiehda ta' Joe Vella fol 74. Xiehda ta' Perit Paul Camilleri fol 91.
[40] Xiehda ta' Joe Vella fol 36/76.
[41] Xiehda ta' Joe Vella fol 36/76/78.
[42] Xiehda ta' Joe Vella fol 74/78.
[43] Kontro-eżami ta' Joe Vella fol 74. Xhieda ta' Godwin Vella fol 124. Verbal tal-aċċess tal-21.10.2014 pg.2
[44] Xiehda ta' Joe Vella fol 74. Xiehda ta' Perit Paul Camilleri fol 97/98.
[45] Xiehda ta' Godwin Vella fol 128/135/138

*"4.1. Ir-rikorrenta ħadmet struttura tal-ħadid fl-uffiċini tal-KPMG fuq inkarigu tal-intimata, liema struttura tal-ħadid jirriżulta li nħadmet kif titlob l-arti u s-sengħa u skont l-istruzzjonijiet tal-perit inkarigat mill-proġett.*

*4.2. Id-difetti li ħarġu fil-cladding li sar ma' din l-istruttura huma dovuti għal nuqqasijiet fl-installazzjoni tal-istess cladding u cioe`: (i) nuqqas ta' movement joints fid-dettall tal-cladding; (2) nuqqas ta' movement joints fl-installar tal-boards; u (3) nuqqas ta' kolla meta tqaħħlu l-madum mal-boards.*

*4.3. Għalhekk jirriżulta li x-xogħol tal-cladding sar difettuż u li dan id-difett huwa dovut għal xogħol ħażin li sar mill-intimata u mhux għal xi xogħol li sar mir-rikorrenta."*

19. Fin-nota tiegħu tas-7 ta' Jannar, 2016, wieġeb għal iktar domandi li sarulu in eskussjoni mis-soċjeta` konvenuta. Din il-Qorti jidhrilha li huwa opportun li tagħmel referenza għalihom, u qiegħda telenkom kif ġej:

*a.* Mistoqsi jekk jaqbilx li jekk l-istruttura sekondarja fiha difett u/jew mankanza, tali difett u/jew mankanza ser jaffettwa l-*cladding system* kollha, il-perit irrisponda "*naqbel".*

*b.* "*Naqbel li jekk l-istruttura prinċipali interament mibnija mir-rikorrenti tiċċaqlaq allura dan iċ-ċaqlieq bilfors se jiġi trasmess fl-istruttura sekondarja. Dan billi dawn iż-żewġ strutturi (dik prinċipali u dik sekondarja) huma welded u marbuta ma' xulxin."*

*c. "F' paragrafu 2.1 tar-relazzjoni addizzjonali għidt hekk 'fuq din l-istruttura tal-konkos sar ukoll sular ġdid bi travi tal-ħadid.' Għalhekk naqbel li fuq l-istruttura l-antika inbena sular ieħor mis-soċjeta` rikorrenta."*

*d.* "*Naqbel li s-soċjeta` rikorrenta bniet qafas sekondarju li ġie mwaħħal mal-istruttura l-ġdida tal-ħadid."*

*e. "Naqbel li dan il-qafas sekondarju pprovda bażi għall-istruttura ta' ħġieġ u kif ukoll bażi għall-'ferrings' li installat is-soċjeta` mħarrka biex magħhom jeħel il-'cladding'. Għalhekk il-qafas sekondarju kellu dejjem isir, indipendentement minn jekk kienx hemm problemi fil-perpendikolarita` tal-faċċata jew le."*

*f.* Mistoqsi jekk jaqbilx li x-xogħol ta' qafas sekondarju sar mis-soċjeta` attriċi, cioe` kif jidher fil-fatturi ppreżentati minnha, kif ukoll ix-

xogħol li sar bħala sapport madwar it-twieqi li hemm mal-faċċata antika kif del resto jidher mill-fatturi ppreżentati mis-soċjeta` attriċi, wieġeb "*Naqbel*".

*g. "Ma naqbilx li l-qafas sekondarju jidher fir-ritratti li ħadt jiena, billi fl-aċċess miżmum minni l-qafas sekondarju kien mgħotti bil-cladding, kif jidher mir-rittratti mmarkati ASR".*

*h. "Ma nafx minn fejn jirriżulta li t-twieqi tad-daqs u tat-tip li twaħħlu fuq is-sit ġew imwaħħla fuq il-'ferrings'. Dawn it-twieqi fil-fatt twaħħlu fuq il-briks mal-faċċata l-antika u fuq il-qafas sekondarju mal-faċċata l-ġdida kif għidt fir-risposta (iii) hawn fuq".*

*i. "Jekk it-twieqi riedu jitwaħħlu livell mal-'cladding' fuq il-binja l-antika naqbel li kellu jsir ukoll qafas ieħor sabiex il-'ferring' isir aktar 'il ġewwa u b'hekk il-'cladding' jiġi aktar 'il ġewwa."*

*j. "Ma naqbilx li l-ewwel rapport u dak addizzjonali huma kontradittorji u għalhekk nerġa' nikkonferma ż-żewġ rapporti imsemmija. Is-soċjeta` rikorrenti għamlet qafas sekondarju mal-istruttura l-ġdida billi fil-parti l-antika intużaw iċ-ċnut tal-briks bħala bażi kif jidher ċar f' dok GV7 fol 106."*

*k. "Kif issemma' f' paragrafu 3.2B tar-relazzjoni addizzjonali, is-'sliding joints' kellhom isiru fil-modalita` tat-twaħħil tas-'cement boards' mal-istruttura sekondarja."*

*l. "Is-'sliding joints' kellhom isiru bejn il-'ferrings' u l-istruttura sekondarja (jew fil-'ferrings' stess) sabiex kwalunkwe moviment fl-istruttura (kemm f' dik prinċipali u kif ukoll f' dik sekondarja li huma 'welded' ma xulxin) ma jkunx trasmess fis-'cement boards' kif fil-fatt ġara. Kellhom isiru wkoll 'sliding joints' jew dettalji vertikali sabiex jikkompensaw għaċ-ċaqlieq bejn il-binja l-antika u l-istruttura l-ġdida u miżuri oħra li jissemmew ampjament fir-rapport addizzjonali."*

*m. "Iċ-ċaqlieq oriġina għar-raġunijiet indikati f' paragrafu 3.2A fir-relazzjoni addizzjonali minħabba moviment relattiv bejn il-binja l-antika u l-istruttura ġdida u kif ukoll fl-istruttura per se. Dan iċ-ċaqlieq mhux bilfors li jiġi trasmess fil-'cladding' li sar mis-soċjeta` mħarrka li kieku dan il-'cladding' kien iddettaljat sew."*

20. Fl-14 ta' Jannar, 2016, is-soċjeta` konvenuta ressqet lill-perit tekniku sabiex jixhed verbalment in eskussjoni. Huwa xehed li ċ-ċaqliq ħadd m'hu ser iżommu għaliex huwa naturali u dejjem isir; spjega li bejn il-*ferrings* u l-istruttura hemm bżonn ta' *sliding joint* biex tassorbi l-

moviment li tagħmel l-istruttura prinċipali u sostna li kellu jagħmilhom min jagħmel il-*finishing,* ċioe` is-soċjeta` konvenuta. Spjega hekk:

> *“**Xhud**: …jien li qed ngħidlek jekk trid inkomplu fuq l-enġinerija tal-karozza, għax karozza kulħadd jifhem għax karozza kulħadd għandu, mela jekk jiena tajtek ix-chassis biex issuqu fuq it-triq, suqu kemm trid ix-chassis fuq it-triq pero` mhux ħa nagħtik ix-chassis bix-shock absorbers. Issa x’ġara f’ dan il-każ? Ix-chassis għamlu l-attur, il-body għamlu l-konvenut, jekk il-konvenut qabad u tefa’ il-body fuq chassis mingħajr molol ovvjament dak li jkun hu u jsuq il-karozza ħa jiċċaqlaq xi ftit.*
>
> ***Dr Joseph Zammit Maempel**: …..min kellu jagħmel ix-shock absorbers biex jien nagħmel il-body fuqha?*
>
> ***Xhud**: Min poġġa l-body.*
>
> ***Dr Joseph Zammit Maempel**: Tajba wkoll din.”*

21. In ri-eżami kkonferma li d-domandi li sarulu ma jbiddlu xejn mill-konklużjonijiet li wasal għalihom fir-rapport tiegħu.

**<u>Dwar il-verżjonijiet “differenti” mogħtija mill-perit tekniku:</u>**

22. L-ewwel Qorti kkummentat li fir-risposti għad-domandi ulterjuri li sarulu in eskussjoni, il-perit tekniku “jidher” li biddel il-verżjoni oriġinali tiegħu fl-ewwel rapport, in kwantu fir-rapport stabbilixxa li fil-parti l-qadima s-soċjeta` attriċi ma għamlet l-ebda xogħlijiet imbagħad fir-risposti qal li jista’ jkun li fil-binja l-antika t-twieqi kellhom isiru iktar ‘il barra u allura jserrħu fuq qafas sekondarju.

23. Fil-fatt fl-ewwel rapport tiegħu il-perit qal li l-qafas (l-istruttura

sekondarja) li miegħu mbagħad jitqabbdu l-*ferrings* li jieħdu l-*cladding,* sar biss mal-istruttura l-ġdida tal-ħadid u mhux mal-binja oriġinali tal-konkos. Fl-istess rapport (ara *supra*) kien osserva li s-soċjeta` konvenuta, da parti tagħha, kienet issottomettiet li s-soċjeta` attriċi kienet għamlet qafas mhux biss mal-faċċata tal-binja tal-ħadid iżda wkoll mal-faċċata tal-binja tal-konkos, filwaqt li s-soċjeta` attriċi *invece* ssottomettiet li hija ma kinitx ħadmet qafas fuq il-parti l-antika tal-konkos. Huwa kien ikkonstata mir-ritratti Dok GV3 sa Dok GV7 li mal-istruttura antika tal-konkos kienu twaħħlu direttament il-*ferrings,* u kien għalhekk li qal li ma sar l-ebda qafas fuq in-naħa l-qadima.

24. Fin-nota li permezz tagħha wieġeb għad-domandi ulterjuri li kienu sarulu in eskussjoni, qal li *"**<u>jekk</u>** it-twieqi riedu jitwaħħlu livell mal-cladding fuq il-binja l-antika, naqbel li kellu jsir ukoll qafas ieħor sabiex il-ferring isir aktar 'il ġewwa u b'hekk il-cladding jiġi aktar 'il ġewwa."* (enfasi ta' din il-Qorti). B'daqshekk ma jidhirx li kien qed ibiddel il-verżjoni tiegħu; in fatti fir-risposta għad-domanda sussegwenti qal li kien qed <u>jerġa' jikkonferma</u> ż-żewġ rapporti tiegħu u reġa' sostna li s-soċjeta` attriċi għamlet qafas sekondarju fuq l-istruttura l-ġdida, billi fuq l-antika kienu intużaw iċ-ċnut tal-briks bħala bażi "*kif jidher ċar f' Dok GV7 a fol 106".*

25. Għalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li dan l-ilment tas-soċjeta` konvenuta (ċioe` li għalkemm il-perit tekniku "biddel" il-verżjoni tiegħu l-

ewwel Qorti bbażat il-konklużjonijiet tagħha fuq l-ewwel verżjoni) huwa fondat.

**<u>Dwar il-kunsiderazzjoni tal-ewwel Qorti li l-perit tal-appaltant talab lis-soċjeta` konvenuta tneħħi xi parti mix-xogħol u tagħmlu sew:</u>**

26. Is-soċjeta` konvenuta tilmenta li kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, minn imkien ma joħroġ li l-perit Paul Camilleri talabha tneħħi xi parti mix-xogħol u tagħmlu sew.

27. L-ewwel Qorti ssostanzjat l-imsemmija kunsiderazzjoni tagħha b' *footnote* li fiha rreferiet għax-xiehda tal-imsemmi perit tat-23 ta' April, 2013. Fil-fatt il-Perit Camilleri fix-xiehda tiegħu kien spjega wara li kienu inqalgħu il-problemi kien irrilaxxja ċertifikat (datat 4 ta' April, 2012)[46]; f' dan iċ-ċertifikat, li jirrigwarda l-*cladding*, kien issuġġerixxa li parti kbira mill-*cladding* kellu jinqala' :

> *"Considering the rate of deterioration noted between my last and previous visits, the whole installation is clearly unstable, unsafe and dangerous. It is my considered opinion that a very radical intervention where most of this cladding would have to be removed and replaced with an alternative system, is inevitable."*

28. Dan iċ-ċertifikat fil-fatt kien ġie anness mar-rikors ġuramentat fl-ismijiet ***Del Ponte Ltd v. Avantgarde Projects Ltd*** tal-11 ta' Mejju, 2012,

[46] Fol 30

f'liema rikors hemm referenza għall-problemi li kienu nqalgħu, partikolarment fir-rigward tal-*cladding* tal-faċċata tal-blokk. Saret fil-fatt referenza għaċ-ċertifikat tal-perit Camilleri u anke ġie dikjarat li "*s-soċjeta` konvenuta intalbet diversi drabi tirrimedja n-nuqqasijiet tagħha iżda baqgħet inadempjenti.*"

29. Fid-dawl ta' dan kollu dan l-ilment tas-soċjeta` konvenuta appellanti jirriżulta infondat.

**L-*isliding joints* (jew *expansion/ movement joints*)**

30. L-ewwel Qorti qagħdet fuq il-konklużjoni tal-perit tekniku li kemm l-istruttura ewlenija tal-ħadid u kif ukoll l-istruttura li serviet ta' qafas li fuqu twaħħlu l-*ferrings* u l-*cladding* saru sewwa, u li kienet is-soċjeta` konvenuta (li xogħlha kien li tagħmel il-*cladding*) li kellha tipprovdi *sliding joints* biex jikkumpensaw għad-differenza fiċ-ċaqliq bejn il-binja l-antika u l-istruttura l-ġdida.

31. Is-soċjeta` konvenuta appellanti targumenta li la fil-prattika u lanqas fl-i*standards* rikonoxxuti ma jsir dak li ssuġġerixxa l-perit tekniku; in oltre tikkummenta li l-perit tekniku lanqas spjega kif seta' wieħed iwettaq dak li ssuġġerixxa. Issostni li mhux minnu li ma ġiex eskuss dwarhom, kif qalet l-ewwel Qorti, u tenfasiżża li fil-fatt ġie eskuss

dwarhom fid-domandi li sarulu iżda baqa' ma weġibx.

32. Effettivament il-perit tekniku ġie mistoqsi dwar l-*isliding joints*, kemm fit-tieni sett ta' domandi in eskussjoni u kif ukoll fix-xiehda tiegħu quddiem il-Qorti. Mistoqsi jgħid fejn kellhom isiru l-*isliding joints*, wieġeb li dawn kellhom isiru "*fil-modalita` tat-twaħħil tas-cement boards mal-istruttura sekondarja.*" Fir-risposta segwenti qal li kellhom isiru bejn il-*ferrings* u l-istruttura sekondarja jew fil-*ferrings* stess biex kwalunkwe moviment fl-istruttura prinċipali u kif ukoll f'dik, li huma *welded* flimkien, ma jkunx trasmess fis-*cement boards;* qal li kellhom isiru wkoll *sliding joints* jew dettalji vertikali biex jikkompensaw għaċ-ċaqliq bejn il-binja l-antika u l-istruttura l-ġdida biex jikkompensaw għaċ-ċaqliq bejniethom. Għalhekk ma jistax jingħad li ma weġibx. Ix-xhieda tiegħu in eskussjoni mbagħad kienet prattikament kollha kemm hi tirrigwarda l-kwistjoni ta' <u>min</u> mill-kontendenti suppost ħa ħsieb li jsiru l-*isliding joints*, fejn il-perit sostna li kien sta għas-soċjeta` konvenuta li tagħmilhom.

33. Jekk is-soċjeta` konvenuta dehrilha li l-perit tekniku fir-risposti tiegħu ma spjegax tajjeb kif kellhom isiru l-imsemmija *sliding joints* messha allura saqsietu aktar fid-dettall waqt ix-xiehda tiegħu; jekk dehrilha li l-parir tiegħu ma kienx wieħed tajjeb u li dak li skont hu messu sar mis-soċjeta` konvenuta fil-fatt ma jsirx fil-prattika, u mhux kontemplat mill-i*standards* rikonoxxuti, mela allura messha talbet il-ħatra ta' perizji

perizjuri. Inċidentalment, ta' min isemmi wkoll, kif tajjeb tfakkar is-soċjeta` attriċi fir-risposta tal-appell tagħha, li l-istess soċjeta` konvenuta kienet effettivament ipproponiet li jsiru *movement joints* bħala rimedju għall-problema.[47]

34. Għandu jingħad ukoll li huwa rrilevanti għal din il-kawża l-ilment tas-soċjeta` konvenuta meta tgħid li l-perit tekniku eżonera mir-responsabbilta` lill-perit tas-soċjeta` appaltanti li naqas milli jagħtiha struzzjonijiet biex tagħmel l-*expansion joints*. Ir-responsabbilta` *o meno* tal-perit tal-appaltant jeżorbita mill-mertu ta' din il-kawża. Kwantu għall-ilment tagħha li l-perit tekniku eżonera wkoll lis-soċjeta` attriċi mir-responsabbilta` in kwantu hija naqset milli ddaħħal l-*expansion joints* fuq l-istruttura sekondarja, dan huwa bla bażi ladarba l-perit tekniku spjega u sostna li l-imsemmija *expansion joints* effettivament kellhom isiru minn min jagħmel il-*cladding.* Huwa inutli li toqgħod targumenta li dawn messhom saru mis-soċjeta` attriċi. Jerġa' jingħad li jekk ma kinitx

---

[47] F'waħda mill-*emails* li Joe Vella mis-soċjeta` konvenuta kien bagħat lil-perit Paul Camilleri (*email* dat
ata 30.09.2011, Dok 2.9, fol 241) kien issuġġerixxa tmien affarijiet (sottolinear tal-Qorti):

*"You may wish to consider the following modus operandi:*
1. *Remove all the tiles from the central vertical row from top to bottom including the white tile at the top.*
2. *Cutting off and removal of the cement boards behind the central vertical row,*
3. *Cutting any connection in the steel structure, thus separating the new structure from the old.*
4. *Insertion of steel elements to act as anchorage for a **movement joint**.*
5. *Insertion of a suitable **movement joint** (I will send you a sample for our study/approval).*
6. *Mechanical fixing of the **movement joint** to the steel structure.*
7. *Covering of gaps on each side of the **expansion joint** with cement boards.*
8. *Closing off the area in white tiles (Black tiles should be avoided sude to the now evident heat absorbtion).*

qiegħda taqbel mal-konklużjonijiet u l-opinjonijiet tal-perit tekniku kellha kull dritt titlob li jinħatru periti addizzjonali, iżda hija għażlet li ma tagħmilx tali talba.

**Il-perit tal-appaltant, Paul Camilleri:**

35. Is-soċjeta` konvenuta tilmenta li kemm il-perit tekniku u kif ukoll l-ewwel Qorti injoraw ix-xiehda ta' Paul Camilleri, l-perit tas-soċjeta` appaltanti li qal li l-iżball kien minħabba li ż-żewġ strutturi ma ġewx separati minn xulxin u minħabba li ma saritx *expansion joint* fl-istruttura sekondarja.

36. Il-perit Camilleri fix-xiehda tiegħu qal li huwa kien involut biss fid-disinn tal-istruttura prinċipali tal-ħadid. Fl-opinjoni tiegħu parti kbira mill-problema li nqalgħet fil-*cladding* kienet peress li l-binja l-antika (bir-*reinforced concrete*) u l-istruttura l-ġdida tal-ħadid għandhom rata ta' kontrazzjoni u espansjoni differenti. Qal li dehrlu li l-problema nqalgħet minħabba li l-*cladding* baqa' għaddej kontinwu *"mingħajr ma ġie kreat l-ebda expansion joint, jew xi tip biex ngħid hekk prekawzjoni oħra*." Żied jgħid hekk:

> *"…l-isteel intrabat direttament mal-concrete bħala struttura kellhom jintrabtu ma xulxin, imma l-finishes sia fil-madum, sia fis-soffitti u sia fil-cladding, jiena bħala perit kieku kont niddisinja expansion joint."*

37. Għalhekk jidher li l-perit Camilleri fil-fatt qed jaqbel mal-perit tekniku li l-problema kienet kaġun tan-nuqqas tal-*expansion joints*, u li tali *expansion joints* kellhom isiru minn min jagħmel il-*finishing*, ċioe` s-soċjeta` konvenuta. Għalkemm il-perit Camilleri jsemmi li kien jippreferi kieku l-"istruttura sekondarja" li terfa' l-*cladding* kienet separata minn kostruzzjoni għall-oħra, jidher li fil-fatt kien qed jirreferi għall-*ferrings*, li twaħħlu (mis-soċjeta` konvenuta) kemm fuq l-istruttura tal-ġebel kif ukoll fuq dik tal-metall, u mhux għall-istruttura sekondarja li jirreferi għaliha l-perit tekniku, li kienet għamlet is-soċjeta` attriċi. Dan qed jingħad għaliex il-perit tekniku Saliba kien qal li l-istruttura sekondarja ma kinitx fuq il-kostruzzjoni oriġinali tal-ġebel peress li fuqha osserva mir-ritratti li kienu twaħħlu l-*ferrings* direttament magħha. Kif osservat is-soċjeta` attriċi fir-risposta tal-appell tagħha, jidher li s-soċjeta` konvenuta qiegħda tilgħab bid-diskors biex tinsinwa li l-*ferrings* (li l-perit Camilleri jsejħilhom struttura sekondarja) huma wkoll struttura magħmulha mis-soċjeta` attriċi. Fil-fatt mistoqsi fuq ic-"*channels*" li fuqhom twaħħal il-cladding (ċioe` kemm fuq l-istruttura l-ġdida u kemm fuq l-antika tal-ġebel) huwa wieġeb li fil-fehma tiegħu il-problema qiegħda:

> *"li dawn ma ġewx skollegati minn xulxin, peress li r-rata ta' ċaqliq bejn waħda u oħra speċjalment fil-ġonta tkun akuta f' dak il-punt…"*

Qal ukoll li l-istruttura tal-*cladding*, huwa jqisha bħala parti mill-*finishes*. Fuq domanda tal-ewwel Qorti jekk il-problema allura kinitx fil-mod tat-tqegħid, huwa wieġeb "*hekk hu".*

38. Għalhekk din il-Qorti qed tqis dan l-ilment tas-soċjeta` konvenuta bħala bla bażi.

**<u>Iċ-"ċaqliq":</u>**

39. Is-soċjeta` konvenuta appellanti tilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti ddikjarat li mill-provi mressqa ħareġ li l-istruttura kienet mibnija skont is-sengħa u l-arti u li ma kinitx tiċċaqlaq. Targumenta *invece* li l-perit Camilleri fil-fatt ikkonferma li kienet tiċċaqlaq, illi li kieku ma kinitx tiċċaqlaq ma kien jiċċaqlaq xejn u ma kienx ikun hemm bżonn tal-kawża, u li fejn hija (is-soċjeta` konvenuta) għamlet xogħol li ma kienx konness ma' dak li għamlet is-soċjeta` attriċi ma ħarġux difetti.

40. Il-perit Camilleri pero` ma qalx hekk. Kif diġa` ngħad, il-perit Camilleri spjega li parti kbira mill-problema li nqalgħet fil-*cladding* kienet peress li l-binja l-antika (bir-*reinforced concrete*) u l-struttura l-ġdida tal-ħadid għandhom rata ta' kontrazzjoni u espansjoni differenti. Jidher għalhekk li dan iċ-ċaqliq li qed jirreferi għalih huwa wieħed naturali, mhux riżultat ta' xogħol ħażin: il-problema tinsab fid-differenza fir-rati taċ-ċaqliq, li kellha tittieħed in konsiderazzjoni meta sar il-*cladding.*

41. Il-perit tekniku Saliba fix-xiehda fil-fatt spjega li ċ-ċaqliq hu naturali

u dejjem isir, u fit-tieni relazzjoni tiegħu spjega hekk: (para 3.2.A):

> *"….il-faċċata qed tgħatti struttura ġdida tal-ħadid marbuta ma' bini oriġinali tal-konkos li għandu madwar ħmistax-il sena fejn jirriżultaw ċerti movimenti relattivi minħabba l-fatt li l-binja oriġinali tkun straħet u qagħdet mentri l-binja l-ġdida tkun għadha qed tistrieħ sakemm tikkonsolida ruħha (proċess li jista' jieħu s-snin) fejn f' dan il-każ dan iċ-ċaqliq ikun aktar aċċentwat minħabba d-differenza fl-istrutturi msemmija fejn dik oriġinali tikkonsisti fi struttura tal-konkos relattivament itqal u aktar soda minn dik riċenti tal-ħadid, fejn tal-aħħar hija wkoll aktar sensittiva għal movimenti termiċi. Għalhekk meta jsiru l-finituri, partikolarment fil-ġonta bejn il-binja oriġinali u l-binja l-ġdida fil-kwistjoni, kellhom jittieħdu prekawzjonijiet billi jsiru movement joints sabiex kwalunkwe ċaqliq relattiv fil-bini jkun kontrollat u ma jikkawżax ħsarat fil-finituri, kif ġara f' dan il-każ meta waqa' l-cladding."*

**<u>It-tneħħija tal-istruttura sekondarja:</u>**

42. Is-soċjeta` konvenuta targumenta li l-fatt li biex ġiet rimedjata l-problema kellu jinqala' mhux biss il-*cladding* (li sar minnha) kif ukoll l-istruttura sekondarja (li saret mis-soċjeta` attriċi) juri li l-problema ma kinitx biss minħabba l-mankanza tal-*expansion joint* iżda minħabba l-istruttura sekondarja.

43. Dan mhux il-każ. Il-perit Kenneth Camilleri, li kien involut fid-disinn tal-istruttura tal-ħadid (fil-fatt spjega li l-istruzzjonijiet kienu joħroġhom hu b'diskussjonijiet mal-perit Paul Camilleri), qal li l-qafas tal-azzar sar kif mitlub minnhom. Minkejja li dan spiċċa inqala' huwa jsostni li ma kien hemm xejn difettuż fih.

***Xhud:*** *Kieku ċċaqalqet l-istruttura kont nistenna li joħorġu cracks x' imkien ieħor qabel ma jibda' jaqa' l-cladding, u kont almena nirċievi telefonata fejn jiem qatt ma rċevejt l-ebda ilment fuq xi cracks fuq in-naħa ta' ġewwa.*

***Qorti:*** *Imma safejn kontu imdaħħlin intom perit ix-xogħol li kien sar tal-qafas tal-azzar approvajtuh jew le?*

***Xhud:*** *Il-qafas tal-azzar iva u sar kif mitlub minna.*

***Dr Joseph Zammit Maempel**: Jiġifieri sal-azzar u fl-istruttura qed tgħidli li m'hemmx ċaqliq, fl-isteel structure.*

***Xhud:*** *Kieku kien hemm ċaqliq kien ikun hemm sinjal.*

***Dr Joseph Zammit Maempel**: Le le mhux kieku.*

***Qorti:*** *Mhux kieku.*

***Dr Joseph Zammit Maempel**: Inti mort u rajt jiġifieri inti qed tgħidli illi m'hemmx ċaqliq?*

***Xhud:*** *L-indikazzjonijiet kollha li juru li la ma kiex hemm cracks fil-finishes min-naħa ta' ġewwa m'hemmx ċaqliq, il-finishes u l-ġibs huma xi ħaġa mwaħħlin integrali mal-istruttura mhux xi ħaġa in isolation.*

***Qorti**: Kieku jkunu sintomu taċ-ċaqliq kieku qed tgħid inti.*

***Xhud**: Dejjem hekk jiġri, jekk ikun hemm ċaqliq fl-istruttura jirrifletti x' imkien ieħor mhux xejn.*

***Dr Joseph Zammit Maempel**: Jiġifieri skont inti qed tgħid li huwa t-twaħħil fuq dawk l-isteel plates li minn hemmhekk 'il quddiem?*

***Xhud:*** *Jien hekk naraha, kieku kien ikun hemm indikazzjonijiet oħra.*

44. Il-perit Kenneth Camilleri fil-fatt spjega li ma kienx involut fit-tneħħija tal-qafas, qal li kien il-"perit" (evidentement qed jirreferi għall-perit Paul Camilleri) li ordna li jinbidel. Issa kif fuq spjegat, l-opinjoni tal-perit Paul Camilleri kienet li d-difetti kienu kaġun tal-*finishing* (il-*cladding)* li sar ħażin u mhux tal-qafas.

45. Fis-sottomissjonijiet tagħha s-soċjeta` konvenuta kienet issottolinejat il-fatt li sid il-post qala' mhux biss il-*cladding* esegwit minnha iżda wkoll l-istruttura tal-ħadid sekondarja li għamlet is-soċjeta` attriċi, u li minflokhom ingħalaq il-bini bil-ġebel. Għalhekk argumentat (kif qed targumenta f'dan l-appell) li dan juri li x-xogħol sekondarju tal-ħadid sar ħażin u li jekk kien hemm problema fil-*cladding* kienet ġejja mill-istruttura sekondarja. Iżda kif osservat l-ewwel Qorti, skont ir-rikors ġuramentat fl-ismijiet ***Del Ponte Ltd v. Avantgarde Projects Ltd***, il-*cladding* fil-fatt sar mill-ġdid, u f'kull każ ma jfissirx li għaliex il-qafas tal-azzar tneħħa dan kien għaliex kien sar ħażin, għaliex jekk minflok il-qafas tal-azzar saret struttura tal-ġebel, ma kienx hemm bżonn il-qafas (l-istruttura sekondarja) biex jintrabat fuqha l-*cladding.*

**Id-danni fir-rigward tal-ksur ta' ħġieġ *triple glazed*:**

46. Is-soċjeta` konvenuta kienet eċċepiet li mill-ammont mitlub kellhom jitnaqqsu €5,200 bħala danni kaġunati mis-soċjeta` attriċi. Joseph Vella mis-soċjeta` konvenuta xehed li kien hemm ħġieġ li ntlaqat bi żball. Qal li l-ħġieġ mingħalih li kien jiswa €3,300, imbagħad kellu jinkera *Tower Crane* sabiex jerġa' jitqiegħed. Sostna li b'kollox tali episodju swielhom €5,200. Mistoqsi għaliex fl-*email* li fiha kien qed jaqbel dwar il-bilanċi li fadal ma semma xejn dwar il-ħġieġ, wieġeb "*Ma nafx ngħidlek*". Mistoqsi jekk għandux riċevuti fir-rigward wieġeb fl-affermattiv u pprometta li

jesebihom. Kif osservat l-ewwel Qorti dawn baqa' ma esibihomx u ma għarafx jgħid kemm kienet il-kirja tal-*crane.*

47. L-ewwel Qorti qieset li Godwin Vella mis-soċjeta` attriċi ammetta l-ħtija għall-inċident u aċċetta li jagħmel tajjeb għad-danni. Madanakollu rriteniet li s-soċjeta` konvenuta ma ppruvatx li d-danni fil-fatt jammontaw għal €5,200 u għalhekk ma naqqsithomx mill-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi.

48. Is-soċjeta` konvenuta appellanti targumenta li l-kwantum tad-danni ġie pruvat fi grad biżżejjed biex jiġi akkolt. Qalet li r-riċevuta relattiva kienet tikkomprendi ħġieġ ieħor ordnat għal terzi u għalhekk kellha tikkalkula kemm kien is-sehem tas-soċjeta` attriċi fir-rigward tal-ħġieġ in kwistjoni. Pero` kif targumenta s-soċjeta` attriċi appellata b'daqshekk ma kellux ikun hemm ostaklu tali riċevuta tiġi esebita.

49. Is-soċjeta` konvenuta appellanti qalet ukoll li r-riċevuta għall-kiri tal-*crane* tinsab għand is-soċjeta` attriċi u huwa fuq ammont li l-istess soċjeta` attriċi qaltiliha verbalment kemm fil-fatt kien il-kiri *per diem* tal-*crane.* Pero` hawnhekk ukoll, kif targumenta s-soċjeta` attriċi appellata, is-soċjeta` konvenuta kellha kull possibilita` li tesiġi li hija tippreżenta r-riċevuti relattivi, ħaġa li ma għamlitx.

50. Għalhekk din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li s-sempliċi dikjarazzjoni mogħtija minn Joseph Vella li d-danni jammontaw għal €5,200 mhix l-aħjar prova.

**Il-prezz tar-*railing* tat-taraġ:**

51. Is-soċjeta` konvenuta kienet eċċepiet li s-sub-appalt ma kienx twettaq kollu. Fid-dikjarazzjoni tal-fatti spjegat li għandha titnaqqas is-somma ta' €5,000. L-ewwel Qorti qieset ix-xiehda ta' Joseph Vella mis-soċjeta` konvenuta fejn xehed li t-taraġ tal-ħadid twaħħal daqsxejn tard, ma kienx miżbugħ, it-*threads* tal-lastiku li kellhom isiru ma sarux, u r-*railing* kien daqsxejn fjakk; xehed ukoll li t-taraġ għadu fil-post u ġie komplut mis-sid f'*finishing* aktar lussuż, iżda r-*railing* inbidel u l-oriġinali tħalla fil-bitħa. Għalkemm l-ewwel Qorti qieset li kien hemm xi nuqqasijiet f'dan ir-rigward, osservat li s-soċjeta` konvenuta hawnhekk ukoll ma wrietx kif waslet għall-ammont ta' €5,000.

52. Fil-fehma ta' din il-Qorti tara li kienet korretta l-pożizzjoni meħuda mill-ewwel Qorti.

**L-obbligazzjoni li l-appaltatur jagħmel ix-xogħol "*secondo i dettami dell'arte sua*":**

53. Finalment is-soċjeta` konvenuta tirreferi għal dik il-parti tas-

sentenza fejn l-ewwel Qorti, għall-argument tas-soċjeta` konvenuta li l-materjal użat fil-*cladding* ma kienx jippermetti l-użu ta' *sliding joints*, irriteniet li ladarba kienet is-soċjeta` konvenuta stess li waħħlet il-*cladding* allura kien jispetta lilha li tivverifika li l-istrutturi li għamlet is-soċjeta` attriċi kienu tajbin biex jitwaħħal il-*cladding* tagħha magħhom. L-ewwel Qorti spjegat li f'każijiet simili għal din, fejn persuna tas-sengħa titqabbad biex tkompli fuq xogħol li jkun għamel ħaddieħor, mhix skużanti l-allegazzjoni li l-konvenut mexa fuq dak li sab; fakkret li l-appaltatur huwa dejjem obbligat jagħmel ix-xogħlijiet *"secondo i dettami dell'arte sua".*

54. Is-soċjeta` konvenuta appellanti targumenta li fil-kwistjoni li tinsab quddiem din il-Qorti, hija s-soċjeta` attriċi li hija l-appaltatur għaliex kienet hi li qabbditha tagħmel ix-xogħlijiet u li għalhekk kienet is-soċjeta` attriċi li kienet obbligata tesegwixxi x-xogħlijiet fdati lilha "*secondo i dettami dell'arte sua"* u tibqa' ssostni li dan ma kienx il-każ għaliex is-soċjeta` attriċi għamlet xogħol ħażin.

55. Iżda kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet suesposti minn din il-Qorti, ma jirriżultax li x-xogħlijiet li għamlet is-soċjeta` attriċi ma kinux skont l-arti u s-sengħa. Kif tippreċiża l-istess soċjeta` attriċi, dak li qalet l-ewwel Qorti sempliċiment kien li jekk is-soċjeta` konvenuta dehrilha li x-xogħol li hija wettqet ma kienx tajjeb għall-*cladding* li kienet ser twaħħal, mela allura ma messhiex waħħlet il-*cladding*.

**DEĊIDE:**

56. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tas-soċjeta` konvenuta u tikkonferma s-sentenza appellata.

57. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mis-soċjeta` konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da